MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 9(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, is-6 ta' Lulju 2010, fl-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Arranġamenti Għall-Festa
6. Bankina f'Triq Axtart u Toroq Oħra
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 8(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Rigward Applikazzjoni PA 02204/10 għal permess għal mwejjed u siġġijiet quddiem Ta' Peppi Restaurant f'Xatt is-Sajjieda man-naħa tal-baħar, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat lill-MEPA l-istess kummenti li kien għamel rigward applikazzjonijiet oħrajn simili.

**5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Is-Sindku nforma 'l Kunsill illi l-għaqdiet f'Marsaxlokk kienu qed jiġbru ritratti antiki ta' Marsaxlokk fuq Facebook u li bi ħsiebhom jagħmlu wirja tagħhom għal Jum Marsaxlokk 2011.

**5.2** Saret diskussjoni dwar meta seta' jsir Jum Marsaxlokk fl-2011 minħabba li Ħadd il-Palm, l-Għid u l-Festa tal-Madonna ta' Pompei kienu ser jaqgħu fuq jew viċin l-aħħar Ħadd ta' April 2011, meta kieku kellhom isiru l-festivitajiet għal Jum Marsaxlokk.
Il-Kunsill għalhekk qabel li Jum Marsaxlokk jiġi ċċelebrat fl-10 ta' April 2011 u li l-attivitajiet jiġu organizzati għal wara nofsinhar.

**6.** **Arranġamenti għall-Festa**

**6.1** Il-Kunsill qabel li din is-sena il-bejjiegħa jarmaw minn ħdejn ir-Rising Sun 'l ġewwa lejn il-Magħluq. Il-Kunsillier Pomroy kellu jipprova jikseb kopja tal-pjanta tal-posti bin-numri kif qed jarmaw bħalissa il-bejjiegha.

**7.** **Bankina f'Triq Axtart u Toroq Oħra**

**7.1** Il-Kunsill qabel li jsiru x-xogħlijiet meħtieġa sabiex isiru l-partijiet tal-bankina f'Triq Axtart li kienu għadhom ma sarux.

**8.** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**8.1** Il-Kunsillier Pomroy, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | **€** |
|---|---|---|
| Busy Bee | Gateau | 32.00 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt wara s-suq Mejju u Ġunju 10 | 2647.45 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel (vann)u petrol għall-mutur 05.07.10 (No 75) | 51.33 |
| Enemalta | *Update of Database, Form A, Demarcation Chgs 2010* | 274.94 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Ġunju 10 | 1030.75 |
| I.V. Portelli & Sons | *Spare parts*tal-*Chainsaw* | 30.81 |
| Joseph Cassar | Mili tal-ġibjun 28.06.10 | 29.50 |
| Joseph Cassar | 2 X *Bowsers* għall-mili tal-ġibjun 29.06.10 | 59.00 |
| Joseph Cassar | Ħasil ta' *culvert* Triq Duncan u mili tal-ġibjun 03.07.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm 09.06.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm 12.06.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm 28.06.10 | 46.73 |
| Mediterranean Insurance Brokers | Poloz tal-assikurazzjoni tal-Kunsill 2010 - 2011 | 1893.51 |
| Renard Attard | Fotografu Jum Marsaxlokk, Karnival 2010, Milied 2009 | 100.00 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Mejju 10 | 1626.90 |
| | **Total** | **€7963.11** |

**8.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**9.** **Affarjiet Oħra**

**9.1** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lill-Ing Joe Curmi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jibgħat lill-Viċi-Sindku il-BOQs ghax-

xogħlijiet meħtiega għad-drenaġġ u servizzi tal-ilma meta jsir ir-*resurfacing* ta' parti minn Xatt is-Sajjieda, parti minn Triq San Ġużepp u parti minn Triq iż-Żejtun.

**9.2** Il-Kunsill qabel li kien hemm ħtieġa ta' *bye-laws* dwar, fost oħrajn, karrijiet u opri tal-baħar, tined u *caravans, skips* u *barbeques.* Peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu mingħajr konsulent legali, il-Kunsillier Pomroy kellu jistaqsi jekk il-Kunsill setax iqabbad avukat biex ifassal il-*bye-laws* meħtieġa.

**9.3** Qabel ma bdiet din il-laqgħa, il-Kunsill kellu laqgħa mas-Sinjura Marcella Zahra tal-Green MT dwar mezzi kif il-Kunsill flimkien mal-Green MT setgħu jnaqqsu l-ammont ta' skart imħallat li jinħoloq sew fid-djar kif ukoll mir-ristoranti u kif jinkuraġġixxu s-separazzjoni tal-iskart domestiku u tal-ħwienet.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, l-24 ta' Awwissu 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**